# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.8

**Kap 5: Il-ħbieb tagħna!**

**Lezzjoni 5.8: Nagħmlu għażliet tajbin**

**L-Għanijiet:**



L-istudenti

1. Jifhmu (*permezz ta' case studies*) kif juru:
   - rispett
   - responsabiltá
   - commitment
   - imħabba lejn ħbiebhom fuq il-passi ta' Ġesù.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Karta ta' taħriġ 5.6
- Shout to the Lord

http://www.youtube.com/watch?v=gn5CMSSAx_c

**Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u ddiskussjoni tal-bidu**

- Staqsi:

➢ Minħabba li l-ħbieb li jkollna jistgħu jinfluwenzawna dwar x'nagħżlu u x'nemmnu, kif nistgħu nagħżlu mill-ħbieb ħżiena għal ħbieb tajbin?

➢ X'karatteristiċi jrid ikollu ħabib tajjeb?



**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**

- Aqra s-silta mill-Evanġelju ta' San Ġwann 15, 12-15,'Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien. Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu. Intom ħbiebi, jekk tagħmlu dak li nikkmandakom. Ma nsejħilkomx aktar qaddejja, għax il-qaddej ma jafx x'jagħmel sidu; sejjaħtilkom ħbieb, għaliex kull ma smajt mingħand Missieri jiena għarraftulkom.'

- Esponi dan il-kaz: Clint kien tifel kwiet ħafna u jsibha diffiċli biex jagħmel ħbieb. Anke waqt il-lezzjoni qatt ma kien jitniffes. Fil-bidu tas-sena t-tfal kienu ppruvaw jagħmlu ħbieb miegħu imma hu kien jingħalaq fih innifsu u jitlaq 'l hemm minħabba f'hekk ma ppruvawx aktar. Darba l-għalliem tahom proġett tar-Reliġjon u ġew mqassmin fi gruppi, anke Clint. Għall-ewwel ġimgħat tal-proġett ma beda jagħmel xejn imma meta ra lill-oħrajn tal-grupp jaħdmu bi ħġarhom, jaqsmu l-ideat u jgħinu lil xulxin, biddel fehmtu.

Beda juri nteress tant li sħabu x'ħin raw hekk bdew idaħħluh fil-proġett. Clint ra kemm hu importanti l-commitment u r-responsabbiltà fil-ħajja. Beda jħoss rispett kbir lejn dawn it-tfal u sar ħabib tagħhom. B'hekk tgħallem kemm hi mportanti l-imħabba fil-ħbiberija kif għallimna Ġesù nnifsu.

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.6 u wara li taqra s-silta magħtija stieden lit-tfal jaqra l-pass tal-Vanġelu Gw.15, 12-15 (Din tista' tipproġettaha) u bħala klassi jimlew il-vojt.
- Aqra s-silta ta' San Pawl u kif qed taqra stieden lit-tfal isibu l-aġġettivi f'din is-silta u jniżżlu tnejn minnhom fl-ispazju mogħti.
- Stieden biex fuq bażi ta' klassi jiddiskutu Attivitá B (b).
- Aqra l-istorja f'Attivita C u fakkar li rridu naħfru malajr l-iżbalji li jagħmlu n-nies ta' madwarna.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**



1. Sabiex tkun ħabib tassew trid tirrispetta lil sħabek speċjalment meta ma jaħsbuhiex bħalek.
2. Trid tkun responsabbli billi tara li lil sħabek ma tweġġagħhomx bil-kliem jew b'għemilek.
3. Il-ħbiberija ta' vera mhix ħbiberija ta' ftit xhur iżda permezz ta' commitment tkun ħbiberija għal ħajtek kollha.
4. Biex tagħmel dan kollu m'hemm l-ebda dubju li trid timxi fuq il-passi ta' Ġesù.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



- Nuri rispett lejn il-fehmiet differenti ta' sħabi.
- Inkun responsabbli billi nżomm kelmti kull meta nwiegħed lil sħabi.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD eċċ**



**Song: Shout to the Lord.**

http://www.youtube.com/watch?v=gn5CMSSAx_c

**Nitolbu**



O ħanin Alla, agħmel li kull meta nsibha diffiċli biex naħfer, niftakar fi klienek, ħalli nsibha faċli naħfer permezz tal-għajnuna t'Ibnek Ġesù.